**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-INFORMATIKA, TEKNOLOĠIJA U INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**LAQGĦA NRU 3**

**It-Tlieta, 3 ta’ Frar 2026**

Il-Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-3.49p.m.

L-Onor. Ray Abela, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ivan J. Bartolo u l-Onor. Abigail Camilleri.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 2 li saret fl-20 ta’ Jannar 2026, ġew konfermati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Ray Abela, qabel ma fetaħ it-tielet laqgħa uffiċjali tal-kumitat, tkellem fuq il-laqgħa li bħala kumitat għamel fil-binja ta’ Malta Information and Technoloy Agency (MITA) fejn hemmhekk l-ewwel saret site visit tal-MITA mbagħad saret laqgħa biex jiġi diskuss xi proġetti saru mill-MITA u dawk li għad iridu jsiru fis-snin li ġejjin. L-Onor. Ray Abela poġġa fuq il-Mejda tal-Kumitat s-sommarju ta’ x’intqal u x’punti ssemmew fil-laqgħa.

Dok 6 – Sommarju tal-Laqgħa li saret fi ħdan il-MITA

**PREŻENTAZZJONI MINN TECH.MT**

Il-Kumitat għadda għall-item li kien immiss fuq l-aġenda li kienet il-preżentazzjoni mingħand is-Sur Kyle Gauci (Senior Technical Officer) kif ukoll mis-Sur Mark Bugeja (CEO ta’ Tech.MT). Wara introduzzjoni qasira, is-Sur Kyle Gauci beda bil-preżentazzjoni tiegħu.

Dok 7 – Preżentazzjoni minn Tech.MT

Wara li s-Sur Gauci lesta mill-preżentazzjoni, saru diversi mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat.

Fl-4:45pm, il-Kumitat aġġorna għal laqgħa oħra uffiċjali fil-binja tal-Parlament għal nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026 fit-3.30pm fejn se jkun mistieden is-CEO tal-Dipartiment tal-Etika fi ħdan id-Dipartment tal-Edukazzjoni.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. RAY ABELA, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**